MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 91/2005

**Michael Attard Holdings Ltd. già Michael Attard Ltd.**

**Vs**

**Dr. Martin Fenech bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech, nominat b'Digriet datat 14 ta' Gunju 2006, u Theresa Grech**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjetà Michael Attard Holdings Ltd. fit-18 ta' Frar 2005, permezz ta' liema titlob li Theresa Grech u l-Avukat Dottor Martin Fenech bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' erbat elef u tlieta u tletin Lira Maltija u erbghin centezmu (Lm4,033.40), illum ekwivalenti ghal €9,395.29, rapprezentanti l-import ta' tnejn u tletin (32) kambjala skaduti w accettati u ffirmati minn Joseph Mary Grech u minn Theresa Grech. Bl-ispejjez u bl-imghax dekoribbli

mid-data ta' l-iskadenzi rispettivi sad-data ta' l-effettiv pagament, kontra l-konvenuti;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuta Theresa Grech permezz ta' liema teccepixxi li: (i) il-konvenut Joseph Mary Grech miet fit-12 ta' Frar 2004, skont kif jirrizulta minn certifikat tal-mewt anness man-Nota u immarkat Dok. "A", u cioè qabel il-prezentata ta' l-azzjoni attrici u ghalhekk l-azzjoni odjerna hija improponibbli fil-konfront tieghu u konsegwentement nieqsa mill-integrità tal-gudizzju u nulla ghal kull tenur u effett tal-Ligi; (ii) li ma ghandha ebda impressjoni li qatt iffirmat xi kambjali ghal xi karozza u ghalhekk tirriserva l-posizzjoni taghha ghal meta tkun tista' tezamina l-allegati kambjali; u li (iii) it-talba attrici ghalhekk hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici;

Rat illi b'Digriet datat 11 ta' Mejju 2006 giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-isem "Joseph Mary Grech" gie kkancellat u gew mizjuda l-kliem "Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech" u rat illi b'Digriet ta' l-14 ta' Gunju 2006 gie nominat bhala Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech;

Rat illi ghalkemm gie notifikat bl-Avviz u bl-avviz tas-smigh, l-Avukat Dottor Martin Fenech bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta lill-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech ma pprezentax Nota ta' l-Eccezzjonijiet ghat-talba attrici;

Rat li waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2006[1] gie dikjarat li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-firem fuq il-kambjali meritu tal-proceduri u li ghal dak li jirrigwarda l-konvenuta Theresa Grech, tammetti t-talba attrici;

Rat il-Kapitolu pprezentat fil-konfront tal-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech ghall-eredi tal-mejjet Joseph Mary Grech waqt is-seduta tal-5 ta' Dicembru 2011[2];

---

[1] Fol. 20 tal-process.
[2] Fol. 76 tal-process.

Rat ir-rendikont relattiv ghall-ammont dovut mill-konvenuti lis-socjetà attrici, esebit b'Nota pprezentata fl-20 ta' Marzu 2012[3];

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-procedura odjerna s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' Lm4,033.40, illum ekwivalenti ghal €9,395.29, rapprezentanti l-valur ta' tnejn u tletin kambjala skaduti, accettati u ffirmati minn Joseph Mary Grech u l-konvenuta Theresa Grech. In risposta ghat-talba attrici l-konvenuta Theresa Grech tissolleva in linea preliminari n-nuqqas ta' l-integrità tal-gudizzju u l-konsegwenti nullità ta' l-azzjoni attrici in kwantu giet istitwita fil-konfront ta' Joseph Mary Grech illi miet fit-12 ta' Frar 2004, u cioè qabel id-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri. Fil-meritu originarjament eccepiet li ma ghandhiex amment li ffirmat xi kambjali favur is-socjetà attrici u rriservat il-posizzjoni taghha sakemm tkun tista' tezamina dawn l-kambjali li s-socjetà attrici tikkontendi li gew iffirmati minnha u minn zewgha Joseph Mary Grech, u fi kwalunkwe kaz tikkontendi li t-talba attrici hi infondata fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandha tigi michuda.

Kif osservat fis-sentenza fl-ismijiet **Victoria Zahra Dedomenico v. Alfred Zahra Dedomenico,** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-15 ta' Jannar 1992[4], *ir-ragon d'essere ta' eccezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-gudizzju tistrieh fuq tlett konsiderazzjonijiet principali: l-ewwel wahda hija li, ghall-ahjar gudizzju tal-Qorti, ghandhom jippartecipaw fih dawk kollha li huma interessati; it-tieni, sabiex tigi assikurata kemm jista' jkun l-effikacità tal-gudizzju, in kwantu dan jorbot biss lil dawk il-persuni li jkun ippartecipaw fl-istess gudizzju; u t-tielet biex jigi rispettat il-principju ta' l-ekonomija tal-gudizzji, sabiex ma jkunx*

[3] Fol. 82 sa' 84 tal-process.
[4] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. LXXVI.ii.182.

*hemm il-bzonn li l-istess procedura tigi ripetuta kontra l-persuni kollha interessati f'diversi kawzi, billi dawn ma jkunux hadu parti f'gudizzju wiehed u l-kreditur attur ikollu l-interess li d-debituri kollha jigu vinkolati, biex ikun jista' jesegwixxi t-titolu tieghu kontra taghhom kollha. Li l-gudizzju jkun integru ghalhekk, jinteressa principalment lill-attur aktar mill-konvenut, in kwantu dan, bl-eccezzjoni msemmija, ghandu biss l-ewwel raguni li tiggustifikah, billi d-difiza tieghu tista' tigi ppregudikata minn certi veritajiet u certi ragunijiet, li jiddependu mill-presenza ta' persuni ohra bhala partijiet fil-kawza[5].*

Meta l-atti processwali u partikolarment id-Digrieti tal-11 ta' Mejju 2006 u ta' l-14 ta' Gunju 2006, li bihom (i) giet awtorizzata korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens illi l-isem "Joseph Mary Grech" gie kkancellat u gew mizjuda l-kliem "Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech"; u (ii) gie nominat l-Avukat Dottor Martin Fenech bhala Kuratur Deputat ghall-eredità tal-mejjet Joseph Grech, jigu kkunsidrati fid-dawl tal-principji guridici appena citati, jirrizulta immedjatament evidenti li l-eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' l-integrità tal-gudizzju u konsegwenti nullità tal-proceduri odjerni sollevata mill-konvenuta Theresa Grech giet sorvolata u ma hemmx lok li tigi trattata ulterjorment.

Fin-Nota ta' l-Eccezzjonijiet taghha l-konvenuta inizjalment eccepiet li ma ghandhiex amment li qatt iffirmat kambjali favur is-socjetà attrici u rriservat il-posizzjoni taghha sakemm ikollha l-opportunità tezamina l-kambjali meritu tal-proceduri. Mill-atti processwali jirrizulta li l-konvenuta effettivament ezaminat il-kambjali in kwistjoni u gharrfet il-firem fuqhom tant illi waqt is-seduta tal-31 ta' Jannar 2006 gie verbalizzat li ma hemmx kontestazzjoni dwar il-firem fuq il-kambjali[6]. Fid-dawl ta' din id-dikjarazzjoni ghalhekk anke t-tieni eccezzjoni sollevata mill-konvenuta Theresa Grech giet sorvolata u ma hemmx lok li tigi trattata ulterjorment.

---

[5] Highrise Company Limited v. Vincent Busutill pro et noe, Citaz. Nru. 1586/96 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 2001.
[6] Fol. 20 tal-process.

Bit-tielet eccezzjoni taghha l-konvenuta Theresa Grech teccepixxi li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjetà attrici. Is-socjetà attrici ssostni però li din l-eccezzjoni ghandha tigi michuda stante li tirrizulta ammissjoni tal-konvenuta Theresa Grech ghat-talba attrici kif dedotta f' dawn il-proceduri.

L-ammissjoni li tirreferi ghaliha s-socjetà attrici hija dikjarazzjoni maghmula waqt is-seduta tal-31 ta’ Jannar 2006[7] u cioè li *ghal dak li jirrigwarda Theresa Grech u fejn jirrigwarda lilha li qed tammetti t-talba*. Il-Qorti ma tistax tinjora l-import ta’ tali dikjarazzjoni u dana partikolarment fid-dawl ta’ dak provdut fl-Artikolu 693 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta: *kull ammissjoni ta’ fatt, sew bil-miktub kemm bil-fomm, maghmula fil-qorti kemm barra mill-qorti, tista’ tittiehed bhala prova kontra l-parti li taghmilha*.

Din id-dikjarazzjoni però tista' torbot biss lill-konvenuta Theresa Grech u mhux ukoll lill-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech in rapprezentanza ta' l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech. B'hekk is-socjetà attrici xorta wahda kien jehtigilha tipprova l-kreditu taghha fil-konfront tal-konvenuti.

Fil-5 ta' Dicembru 2011 is-socjetà attrici pprezentat Kapitolu fil-konfront tal-Kuratur Deputat Dr. Martin Fenech ghall-eredi tal-mejjet Joseph Mary Grech. Il-Qorti tinnota però li l-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech gie nominat biex jirrapprezenta l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech u mhux lill-eredi tieghu. L-izball li giet indotta fih is-socjetà attrici, ghaliex ta' zball fil-fatt si tratta, jirrizulta li l-annotazzjoni li saret fl-okkju tal-kawza in segwitu ghall-korrezzjoni awtorizzata bid-Digriet tal-11 ta' Mejju 2006. Di fatti meta saret l-annotazzjoni ghal xi raguni din tnizzlet "Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw l-eredi tal-mejjet Joseph Mary Grech" u mhux "Kuraturi Deputati biex jirrapprezentaw l-eredità ta' Joseph Mary Grech" kif invece ordant bl-imsemmi Digriet, b’dana li l-

[7] Ibid.

okkju tal-kawza in segwitu ghad-Digriet ta’ l-14 ta’ Gunju 2006 gie “Dr. Martin Fenech bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta l-eredi tal-mejjet Joseph Mary Grech”. Dan huwa evidentement zball amministrattiv li jista' u ghandu jigi korrett mill-Qorti minn jeddha u dan a tenur ta' dak provut fl-Artikolu 175(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jipprovdi *l-qorti tista’, sa’ dakinhar li taghti s-sentenza u taqta’ l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull omissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f’att gudizzjarju*.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk il-Qorti tordna d-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li l-kelma "eredi" tigi kkancellata u minflok tigi mdahhla l-kelma "eredità" biex b'hekk dik il-parti ta' l-okkju tal-kawza jigi jaqra "Dr. Martin Fenech bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech".

Indipendentement minn dan il-fatt, il-Qorti xorta wahda ma tistax u ma ghandhiex tikkonsidra li Kapitolu pprezentat fil-konfront ta' Kuratur Deputat nominat minnha ghandu l-effetti guridici rizultanti mill-Artikolu 702 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta anke jekk tali Kapitolu gie minnha inizjalment approvat. Din l-osservazzjoni ssib il-bazi taghha fil-principju li, kif ikkunsidrat u deciz mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Casapinta Design Group Limited v. Dr. Tonio Azzopardi noe, Appell Civili 2206/03** deciza fl-20 ta’ April 2005, Kapitolu ma jistax jigi pprezentat fil-konfront ta' Kuratur Deputat nominat mill-Qorti: *dak li l-aktar jinteressa din il-kawza huwa l-aspett jekk jistax isir kapitolu di fronte ghall-kuratur ex officio, li kif inghad hu ufficjal tal-Qorti (ara wkoll Kollez. Vol. XXV PIII p772). Jibda beix jigi notat illi fil-kapitolu l-konvenut hu msejjah biex bil-gurament tieghu jigi provat li huwa debitur lejn l-attur fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Din hi l-formola adottata mis-socjetà attrici fil-kaz in ispecje … Fil-kazijiet ordinarji l-konsegwenza tal-kapitolu u tan-nuqqas ta’ dehra jgibu l-konfessjoni tat-talba. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghal kuntrarju, mhux possibbli li l-Kuratur ta’ l-ufficcju jwiegeb ghad-domanda jew jigi prestat lilu l-gurament. Il-Qorti tislet riflessjoni fuq dan il-punt mill-kazjijiet fejn kuratur bhal dan jeccepixxi l-*

*preskrizzjoni. Jinsab pacifikament assodat, almenu sa' mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civile, tas-17 ta' Gunju 1881 fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Francesco Sammut nomine v. Dr. Giuseppe Rocco Peralta noe et" (Vok. IX p459), illi lill-kuratur ma jistax jigi defirit il-gurament anke jekk jeccepixxi l-preskrizzjoni. Dan ghall-motiv illi "se questo è un curatore d'ufficio è ignaro dei fatti, non puo ne affermare ne negare" (Fto. Calleja et v. Ant. Mangion noe, Appell Civili, 22 ta' Frar 1892 a Vol. XIII p 112). Kif ulterjorment enuncjat "il provvedimento voluto dall' attore di deferire il giuramento ai curatori da prestarsi in nome e dietro istruzione del debitore non sarebbe conducente al fine voluto dalla legge che è quello di rimettersi alla coscienza del debitore vincolata dal giuramento; di fatti il debitore non sarebbe in tal caso astratto da alcun vincolo di coscienza e i curatori di un fatto non proprio non potrebbero giurare che sulla fede altrui per cui lo scopo della legge sarebbe frustrato (Carlo Farrugia Satariano v. Dr. Gius. Frendo Azzopardi et" Qorti Civili, Prim' Awla, 8 ta' Jannar 1920 (Vol. XXIV PII p 97). Minn dan huwa lecitu li jigi dedott illi in linea ta' massima, l-approvazzjoni tal-kapitoli mit-Tribunal mhijiex ta' ostakolu li jigi valutat l-effett veru tas-subizzjoni, sija mit-Tribunal aktar u aktar minn din il-Qorti (ara Kollex. Vol. XLIV PI p470). Gjaladarba l-kuratur ex officio "gie msejjah iwiegeb skond il-kapioli (Artikolu 703, Kapitolu 12) u gjaladarba dan kien jinnecessita li jigi prestat il-gurament fuq il-kontenut tal-kapitolu, ghar-ragunijeit fuq imfissra, it-Tribunal ma kienx obbligat li japprova l-kapitolu li sar. Konsegwentement, dejjem fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li il-Kapitolu sar di fronte ghall-kuratur ta' l-ufficcju dan jixhed dubju serju fuq il-portata tal-konfessjoni tal-materja kapitolata. Huwa l-kaz ghalhekk li s-sentenza, in kwantu bazata fuq il-kapitolu, tigi annullata u din l-istess Qorti tghaddi 'l quddiem biex kif jinsab dispost fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380 hi stess taqta' t-talba skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7.*

Ghalhekk, jigi ribadit is-socjetà attrici kien jehtigilha tressaq prova sodisfacenti tal-kreditu taghha fil-konfront tal-konvenuti.

Bhala prova tal-kreditu taghha fil-konfront tal-konvenuti s-socjetà attrici ipprezentat rendikont[8] li minnu jirrizulta li effettivament ghalqu u saru dovuti tnejn u tletin kambjala tal-valur ta' €295.72 il-wahda hlief ghall-kambjala li ghalqet fl-20 ta' Novembru 1998 li hija ghall-valur ta' €277.97, komplessivament ammontanti ghal €9,395.29, ekwivalenti ghal Lm4,033.40, ossia l-ammont mitlub mis-socjetà attrici bl-azzjoni odjerna.

Fil-fehma tal-Qorti b'dan ir-rendikont is-socjetà attrici rnexxielha tipprova l-kreditu taghha fil-konfront tal-konvenuti, partikolarment billi dan l-istess rendikont ma giex kontestat minn ebda wiehed mill-konvenuti. Kif inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **"Vodafone Malta Limited v. Mark Vella" Appell Civili Nru.510/00** deciza fil-15 ta' Dicembru 2003: *huwa veru li s-socjetà appellanti kienet gravata bl-oneru li tipprova f'kull kaz l-allegazzjoni centrali taghha illi l-konvenut kellu jitqies debitur taghha ghas-somma reklamata ghall-uzu tal-mobile phone. Id-disimpenn ta' dan l-oneru ma kellux necessarjament ifisser illi l-prova riedet issir bilfors permezz ta' xhieda 'viva voce', in kwantu hu mholli fl-ghazla tal-parti illi b'kull mod taghmel uzu minn elementi probatorji ohrajn. Dan ghaliex ukoll fl-ordinament guridiku taghna jvigi l-principju illi r-rizultanzi istruttorji jistghu jigu ottenuti bi kwalsiasi mod. Hekk jinsab propju dettat fl-Artikolu 558 tal-Kap.12, purke dik il-prova l-ohra tkun rilevanti ghall-kwestjoni fil-kawza bejn il-partijiet. Naturalment l-apprezzament tar-rilevanza tal-prova hu imbaghad imholli fl-ghaqli gudizzju tal-gudikant. Izda certament ma jistax jinghad f'dan il-kaz illi s-socjetà appellanti naqset "li tressaq xhieda biex tippromwuovi l-posizzjoni taghha". Mill-atti processwali jirrizulta invece li dan ghamlitu permezz ta' l-esebit tal-istatement dettaljat a fol. 12.*

Jigi in fine osservat li l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech, rapprezentatata f'dawn il-proceduri mill-Kuratur Deputat l-Avukat Dottor Martin Fenech, u Theresa Grech huma solidalment obbligati bejniethom versu s-socjetà

---

[8] Fol. 82 sa' 84 tal-process.

attrici ghall-hlas tas-somma komplessiva ta’ €9,395.29, rapprezentanti l-valur ta’ tnejn u tletin kambjala li ghalqu u saru dovuti, u dana billi bejn Theresa Grech u zewg Joseph Mary Grech kienet tezisti l-solidarjetà ghall-hlas ta’ l-imsemmi dejn versu s-socjetà attrici liema solidarjetà ma intemmitx mal-mewt ta’ Joseph Mary Grech izda ghadha torbot l-eredità tieghu.

Ghaldaqstant, jirrizulta li s-socjetà attrici hija kreditrici tal-konvenuti, flimkien u solidalment bejniethom, fis-somma komolessiva ta' €9,395.29 u b'hekk it-talba taghha tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti:

- Fl-ewwel lok tordna l-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li l-kelma “eredi” qabel il-kliem “tal-mejjet Joseph Mary Grech” tigi kancellata u sostitwita bil-kelma “eredità”, b’dana li dik il-parti ta’ l-okkju tal-kawza jaqra “Dr. Martin Fenech bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech”; u
- Tilqa’ t-talba tas-socjetà attrici u tikkunanna lil Theresa Grech u lill-Avukat Dottor Martin Fenech bhala Kuratur Deputat biex jirrapprezenta l-eredità tal-mejjet Joseph Mary Grech, flimkien u solidalment bejniethom, ihallsu lis-socjetà attrici s-somma komplessiva ta’ €9,395.29 rapprezentanti l-import ta’ tnejn u tletin kambjala li ghalqu u saru dovuti, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ l-iskadenza rispettiva sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------